MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 370/2014

**Maria Edwina Spiteri bhala mandatarja ta` Jennifer Taylor xebba Mallia**

***kontra***

**Annetto Mifsud**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat l-att promotorju tal-istanza tal-lum li kienipprezentat fit-2 ta` Mejju 2014 li jaqra hekk :-

*Illi l-kawza fl-ismijiet premessi kienet deciza fis-7 ta` Frar 1990 (vide Dok MS1).*

*Illi l-intimat ghalkemm wieghed diversi drabi lill-esponenti li kellu jhallasha, huwa baqa` ma hallasx ebda pagament u ghalhekk l-esponenti regghet ipprocediet kontra l-intimat u permezz ta` sentenza moghtija fid-29 ta` Frar 2000, is-sentenza tas-7 ta` Frar 1990 giet reza esegwibbli (vide Dok MS2).*

*Illi effettivament l-intimat ghamel ftit pagamenti lill-esponenti u fil-fatt hija baqghalha tiehu minghandu l-bilanc ta` sitt elef u hames mitt Ewro (€6,500).*

*Illi l-esponenti, mara anzjana u marida, dejjem ittamat li l-intimat ihallasha u kien ghalhekk li hija naqset milli tesegwixxi s-sentenza moghtija favur taghha.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrendi titolu ezekuttiv is-sentenza fuq citata biex hija tkun tista` tesegwixxiha fuq il-bilanc li ghad fadlilha tiehu minghand l-intimat.*

Rat iz-zewg dokumenti li kienu annessi mir-rikorrenti mal-att promotorju.

Rat illi ghalkemm l-intimat kien debitament notifikat skond il-ligi bl-att promotorju u bl-avviz tas-smigh tal-kawza (ara tergo ta` fol 13), huwa ghazel li ma jipprezentax risposta skond id-digriet ta` din il-Qorti tat-8 ta` Mejju 2014.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum.

**Ikkunsidrat :**

Skond l-**Art 253(a) tal-Kap 12**, sentenza tal-qrati tal-gustizzja ta` Malta tikkostitwixxi titolu esekuttiv.

Skond l-**Art 258(a) tal-Kap 12**, wara l-għeluq ta’ għaxar (10) snin minn dak in-nhar li fih sentenza moghtija mill-Qrati Superjuri setghet tigi esegwita, *l-esekuzzjoni tista’ ssir biss wara talba magħmula b’rikors quddiem*

*il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.*

Ghal din il-Qorti, din id-disposizzjoni hija cara u inekwivoka. Wara li jkunu ghaddew l-ghaxar snin, ir-rekwiziti ghall-esekuzzjoni huma :-

a) li jsir rikors quddiem il-qorti kompetenti.

b) li l-kreditur jikkonferma bil-gurament it-talba li taghha qieghed ifittex l-esekuzzjoni.

c) li l-esekuzzjoni tas-sentenza tkun ghadha ma saritx.

Hija l-fehma ta` din il-Qorti illi r-rikorrenti ottemperat ruhha ma` r-rekwiziti ta` din id-disposizzjoni.

Infatti rrizulta li permezz ta` sentenza li tat din il-Qorti diversament fis-7 ta` Frar 1990 fil-kawza fl-ismijiet *Maria Edwina Spiteri bhala mandatarja ta` Jennifer Taylor nee` Mallia vs Annetto Mifsud (Citaz. Nru. 65/1987 VCC)* il-konvenut kien ikkundannat ihallas lill-attrici noe s-somma ta` Lm 4,712 bl-ispejjez u bl-imghax ta` 8% fis-sena b`effett mill-4 ta` Novembru 1984 sad-data tal-effettiv pagament. Jirrizulta illi b`decizjoni li tat din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta` Frar 2000 fil-procediment bin-Nru 959/1998/RCP fl-ismijiet *Maria Edwina Spiteri bhala mandatarja ta` Jennifer Taylor nee` Mallia vs Annetto Mifsud* kien imgedded it-titolu ezekuttiv. Jirrizulta wkoll li l-ammont dovut lir-rikorrenti noe bis-sahha tat-titolu ezekuttiv ma thallasx fl-intier tieghu tant li r-rikorrenti noe kkonferma bil-gurament taghha illi baqa` pendenza fl-ammont ta` sitt elef u hames mitt Ewro (€6,500). Jirrizulta inoltre li l-procedura ntavolata mir-rikorrenti ghat-tigdid tat-titolu ezekuttiv saret korrettement.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tar-rikorrenti noe kif dedotta, bl-ispejjez kontra l-intimat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------